# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 233/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**John Cauchi**

Illum 25 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **John Cauchi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0518463(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-7 ta' Novembru 2015 għall-ħabta tad-09.15hrs fi Triq l-Oratorju, Naxxar saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBJ 781:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u nvolontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravi

fuq il-persuna ta' Dolores Agius skont kif iċċertifika Dr. Attard Biancardi M.D. mill-M.D.H..

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Mejju 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati u kkundannatu jħallas multa ta' elfejn Euro (€2000) u ordnat li jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tas-sewqan għal żmien ta' tliet xhur.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-21 ta' Mejju 2018 fejn, filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza appellata, talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-akkużi u fejn ikkundannatu għal piena ta' elfejn Euro (EUR 2,000) u tliet xhur sospensjoni tal-liċenzji u minflok tilliberah mill-imputazzjonijiet kif dedotti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-aggravju tal-appellant huwa dwar apprezzament tal-fatti għaliex jissottometti li hu qatt ma messu nstab ħati. Jgħid li Dolores Agius qasmet eżatt mill-kantuniera. Jgħid li hija qalet li ħarset darba biss u li qabel intlaqtet kienet għamlet żewġ passi. Jisħaq li Agius ma qalitx jekk qagħditx attenta kinux ġejjin vetturi minn Triq il-Parroċċa għal ġewwa Triq l-Oratorju, kemm minn naħa tal-knisja tan-Naxxar u kif ukoll min-naħa tal-Għargħur. Jgħid li ċertament naqset taċċerta ruħha kinux ġejjin vetturi minn Triq il-Parroċċa għal ġewwa Triq l-Oratorju min-naħa tal-Għargħur, *ossia* minn warajha. Jargumenta li Agius qatt ma setgħet tara t-traffiku li kien ġej mill-Għargħur għax dan jiġi warajha. Jisħaq li l-impatt seħħ preċiżament fil-kantuniera minn fejn ebda *pedestrian* ma jmissu jaqsam u li Agius baqgħet dieħla fuq quddiem tat-trakk tiegħu. Jgħid li kien għadu ser idur u kienet il-vittma li messha ħarset sew meta qed taqsam f'kantuniera bħal dik li tagħti għal fuq triq prinċipali.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tinnota li waqt li kienu qegħdin jinstemgħu s-sottomissjonijiet finali bil-fomm quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2020, ġie verbalizzat is-segwenti fil-verbal tas-seduta msemmija (*a fol.* 47):

> "Il-Qorti wara li rat l-atti jirriżulta mir-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri illi l-allegata vittma sofriet żewġ fratturi ta' natura gravi *per durata* u leżjoni ta' natura gravi u għalhekk qiegħda *ex officio* tissoleva l-possibbli nullita' tal-proċeduri stante li l-mertu teżorbita l-kompetenza tal-Ewwel Qorti."

Illi filwaqt li fil-verbal tas-seduta msemmija hemm imniżżel li l-partijiet kienu qed jirrimettu ruħhom, fis-sottomissjonijiet hawn fuq imsemmija l-Avukat Ġenerali qal: *"Jien naħseb kien hemm bżonn il-kunsens ta' l-AG"* (*a fol.* 52).

Illi dak li ġie verbalizzat fis-seduta hawn fuq imsemmija quddiem din il-Qorti diversament preseduta jirriżulta ampjament mill-

*Proces Verbal* redatt mill-Maġistrat Inkwirenti Dr. Joseph Mifsud u li jifforma parti mill-atti proċesswali ta' dan il-każ u dana b'mod partikolari mir-rapport redatt mill-espert Dr. Mario Scerri li jinsab fl-istess *Proces Verbal*, f'liema rapport Dr. Scerri kkonkluda, fost l-oħrajn, li l-allegata vittma sofriet ġrieħi ta' natura gravi *per durata*, tant li jissemma li kellha fratturi fil-kustilji. B'hekk jirriżulta li l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti kellhom bżonn il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex ikomplu.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, hemm lok li din il-Qorti tiddikjara l-proċeduri kollha quddiem l-Ewwel Qorti, inkluż is-sentenza appellata, bħala nulli u dana minħabba li l-fatt miġjub fl-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant iġġib reat suġġett għal piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħal Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Bħal ma għamlet din il-Qorti diversament preseduta minħabba raġunijiet differenti fis-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Christian Debono** (Numru 92/2003), din il-Qorti ser tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Ewwel Qorti sabiex il-każ jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-ġdid skont il-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiddikjara l-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti nkluż is-sentenza appellata nulli u konsegwentement qed tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma ċċaħħadx lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-każ jerġa' jinstema' u jiġi deċiż mill-ġdid skont il-liġi.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |